# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Jannar 2014

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex ilkoll nippromovu żvilupp ekonomiku awtentiku, li jirrispetta d-dinjità tal-popli kollha.**

## Ninġabar:

Infittex pożizzjoni komda u għal ftit tal-ħin inħalli fil-ġenb il-ħajja mgħaġġla tiegħi. Meta nikkwieta, naħseb fuq il-ħwejjeġ li qed nilbes bħalissa: kif qed inħosshom fuqi? Jekk liebsa xi ħaġa li ma tinħassx komda, nirranġaha xi daqsxejn sakemm inħossni aktar komda.

Issa nieħu ftit tal-ħin niggosta l-ħwejġi fuqi.

## Fatt ċkejken:

Kmieni filgħodu, fl-24 t'April tal-2013, Sharina daħlet bħas-soltu fil-fabbrika ta' Rana Plaza, li tinsab f'Dhaka (Bangladexx). Telgħet it-taraġ sas-seba' sular biex, flimkien mal-ħaddiema sħabha, tħit l-ħwejjeġ għal ditti kbar tal-Punent. Sharina u żewġha kienu jaħdmu sigħat twal ħafna f'Rana Plaza biex jaqilgħu €70 fix-xahar. Din il-paga ma kenitx isservihom, anke għaliex kienu jmantnu wkoll il-ġenituri anzjani ta' Sharina li ma kellhomx biex jgħixu. Is-sidien tal-fabbriki f'Rana Plaza ma jħallux lill-ħaddiema tagħhom ikunu f'unjin. Sharina u sħabha beżgħu jiġġieldu biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom li ma jmurx jitilfu l-impjieg.



http://www.waronwant.org/

Dakinhar Sharina marret għax-xogħol inkwetata. Il-ġurnata ta' qabel kienu feġġew xquq kbar fil-binja, fejn tellgħu illegalment tliet sulari oħra. Il-ħin kien għaddej bil-lajma meta, f'daqqa waħda, waqt li Sharina bdiet tħit il-keffa tal-ħamsin *t-shirt*, instema' ħoss qawwi. L-art theżżet. Sharina qamet bilwiefqa bil-ħasda u bilfors li waqgħet, għaliex x'ħin ġiet f'sensiha skopriet li kienet mimduda fuq saqqu ġo sptar. Ir-Rana Plaza kien iġġarraf.

Mietu aktar minn elf u mitt ruħ, fosthom ir-raġel ta' Sharina. Mit-tiġrif salvaw madwar elfejn u ħames mitt ruħ.

F'dan l-inċident ikrah Sharina tilfet dirgħajha tal-lemin u minħabba f'hekk ma tistax issib xogħol. Wegħduha ħafna affarijiet; imma ma rċeviet l-ebda kumpens għat-telfa li ġarrbet jew għall-fatt li korriet serjament.

**Naħseb ftit:**

Kif qed inħossni jiena u nirrifletti fuq it-traġedja ta' Sharina? Nieħu l-ħin biex insemmi s-sentimenti li għandi bħalissa.

F'pajjiżna, ġieli ġara li l-profitti kienu aktar stmati min-nies?

Qatt ġrali li, minħabba r-regħba, weġġajt lil xi ħadd biex nikseb xi ħaġa?

**Nitlob:**

Mulej, inti ħlaqt il-bnedmin xbieha tiegħek u tajthom dinjità liema bħalha. Għallimna nagħrfu li l-bnedmin jiswew ferm aktar mill-flus.

*Nieqaf ftit u mbagħad ngħid talba jien ukoll dwar dak li qiegħed inħoss. Jekk qegħdin grupp, nistgħu naqsmu t-talb flimkien.*

**Kliem ta' dawl:**

"Jekk ħsiebek fik biss, triqtek tieqaf miegħek innifsek; imma jekk ħsiebek fil-qadi tal-oħrajn u fil-ġid komuni, triqtek twasslek sal-eternità.

Marcus Garvey

**X'nista' nagħmel:**

Meta mmur nixtri, naqra sew it-tikketti li nsib fuq il-ħwejjeġ u fuq affarijiet oħra. Infittex ftit fuq il-pajjiżi fejn inħadmu il-ħwejjeġ tiegħi u dwar il-ħaddiema li għamluhom.

Nitgħallem dwar il-*fair trade* u nistaqsi lil tal-ħanut jistax iġib affarijiet tal-*fair trade.*

*Għal aktar informazzjoni:*

http://www.bbc.co.uk/news/business-24195441
http://www.globallabourrights.org/campaigns?id=0003
http://www.bbc.co.uk/news/world-asia-22370487
http://www.waronwant.org/campaigns/love-fashion-hate-sweatshops
http://asiafoundation.org/in-asia/2013/05/15/united-efforts-not-boycotts-will-help-bangladeshs-garment-workers/